31979R1799

L 206/12 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 14.8.1979

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1799/79

tat-13 t'Awissu 1979

li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 1391/78 u (KEE) Nru 2962/78 li jikkonċernaw ir-regoli għall-applikazzjoni tas-sistema ta' *premiums* għan-*non-marketing* tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u għal bdil tal-merħliet li jipproduċu l-ħalib

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1078/77 tas-17 ta' Mejju 1977 li jintroduċi sistema ta' *premiums* għan-*non-marketing* tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u għal bdil tal-merħliet li jipproduċu l-ħalib [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1270/79 [2], u partikolarment l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi l-applikazzjoni tas-sistema ta' *premiums* għan-*non-marketing* tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u għal bdil tal-merħliet li jipproduċu l-ħalib ġiet estiża sa l-aħħar tas-sena tal-ħalib ta' l-1979/80; billi, minħabba l-esperjenza tal-passat, ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1391/78 tat-23 ta' Ġunju 1978 li jistipula regoli emendati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' *premiums* għan-*non-marketing* tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u għal bdil tal-merħliet li jipproduċu l-ħalib [3], kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2962/78 [4] għandu jkun aġġustat;

Billi sar meħtieġ li jkunu speċifikati partikolarment id-dispożizzjonijiet dwar każi ta' forza maġġuri u li jkun provdut għall-irkuprar parzjali għall-*premium* tal-konverżjoni fejn il-benefiċjarju ma jibqax iżomm in-numri meħtieġa ta' stokk fl-aħħar tal-perjodu tal-konverżjoni; billi, min-naħa l-oħra, il-benefiċjarju, li daħal f'obbligi li jirregolaw id-dħul ta' dak il-premium, għandu wara jitħalla jagħżel is-sistema ta' *premiums* tan-*non-marketing*, għalkemm, fit-tali każ, l-ammonti tal-*premium* u l-perjodu tan-*non-marketing* iridu b'hekk ikunu aġġustati.

Billi, dwar il-karti ta' l-identità maħruġa mill-24 ta' Ġunju 1978, l-Artikolu 8(5) tar-Regolament (KEE) Nru 1391/78 (imdaħħal mir-Regolament (KEE) Nru 2962/78) jippermetti li jinħareġ wieħed duplikat fil-każ li jintilef l-oriġinal; billi huwa xieraq li tkun applikata dik id-dispożizzjoni, fuq it-talba ta' kull parti interessata, għall-karti ta' l-identità li nħarġu qabel id-data fuq imsemmija;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 1391/78 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 12 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 12*

1. Meta, minħabba każ ta' forza maġġuri li jseħħ wara l-ġurnata meta l-applikazzjoni għall-*premium* ġiet approvata, il-benefiċjarju jew is-suċċessur tiegħu riferut fl-Artikolu 9(2) ma jistax, jew ikun jista' biss b'sagrifiċċju kbir, iwettaq l-obbligu li joħroġ mis-sistema ta' *premiums*, l-Istat Membru konċernat jistabbilixxi l-miżuri li jidhirlu meħtieġa rigward iċ-ċirkostanzi li nqalgħu..

Miżuri tali jistgħu, skond il-każ, jinvolvu postponiment tal-bidu tal-perjodu tan-non-marketing jew tal-konverżjoni riferut fl-Artikolu 5(3) jew is-sospensjoni ta' l-obbligi għal tul speċifiku ta' żmien matul dak il-perjodu u li ma jkunux rifusi l-*premiums* diġa mħallsa, li kien jkollhom ikunu mħallsa lura skond l-Artikolu 9(1).

2. Mingħajr preġudizzju għaċ-ċirkostanzi speċifiċi li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni f'każijiet individwali, is-sitwazzjonijiet li ġejjin partikolarment jistgħu jitqiesu li jiġġustifikaw waħda mill-miżuri riferuti fil-paragrafu 1:

(a) il-mewt tal-benefiċjarju jekk mexxa r-razzett huwa nnifsu;

(b) inkapaċità twila ta' xogħol tal-benefiċjarju jekk mexxa r-razzett huwa nnifsu;

(ċ) xiri obbligatorju ta' parti sostanzjali tal-medda agrikola maħduma utiliżżata mill-benefiċjarju, sakemm it-tali xiri obbligatorju ma kienx mistenni fil-jum meta l-applikazzjoni ġiet approvata;

[1] ĠU L 131, tas-26.5.1977, p. 1.
[2] ĠU L 161, tad-29.6.1979, p. 10.
[3] ĠU L 167, ta' l-24.6.1978, p. 45.
[4] ĠU L 352, tas-16.12.1978, p. 23.

(d) diżastru naturali li jaffettwa sostanzjalment il-medda agrikola maħduma mill-benefiċjarju;

(e) il-qerda aċċidentali tal-bini tal-benefiċjarju li kien jintuża biex fih jitrabbew il-bhejjem jew in-ngħaġ;

(f) tfaqqa' marda epiżotika li taffettwa xi jew l-istokk kollu tal-bhejjem jew tan-ngħaġ tal-benefiċjarju.

3. L-Istati Membri jinformaw lill-Kummissjoni bil-każijiet kollha ta' forza maġġuri li jkunu aċċettati minnhom bħala tali.

4. B'mod ta' deroga mill-Artikolu 9(1), f'każ li ma jistax jitqies bħala każ ta' forza maġġuri u li fih il-benefiċjarju tal-premium tal-konverżjoni ma jibqax jirrispetta, matul ir-raba' sena tal-perjodu tal-konverżjoni, l-obbligu riferut fl-Artikolu 3(2)(ċ) tar-Regolament (KEE) Nru 1078/77, l-ammont tal-premium li għandu jkun irkuprat jew, jekk il-bilanċ għadu ma tħallasx, l-ammont li għandu jinżamm ikun daqs 25 % ta' l-ammont totali tal-premium li kien ikun intitolat għalih, dan il-persentaġġ ikun imnaqqas fi proporzjon tad-differenza bejn in-numru ta' rjus miżmuma u numru meħtieġ ta' rjus."

2. L-Artikolu 12a li ġej għandu jkun mdaħħal:

"*Artikolu 12a*

1. Qabel l-aħħar tat-tielet sena tal-perjodu tal-konverżjoni, kull riċevitur tal-premium tal-konverżjoni jista' jiddikja bil-miktub lill-awtorità kompetenti li jixtieq li jkun ikkunsidrat bħal benefiċjarju tal-premium tan-*non-marketing*, billi jaċċetta l-kondizzjonijiet riferuti fl-Artikolu 2 u l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1078/77.

2. Fit-tali każijiet, l-awtorità kompetenti tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa fl-approvazzjoni li nħareġu l-ewwel u partikolarment taġġusta l-perjodu tan-*non-marketing* u l-ammonti tal-premium li għadhom ma tħallsux, fuq il-bażi tas-sitwazzjoni li kienu jeżistu li kieku l-parti interessata applikat għall-premium tan-*non-marketing* mill-bidu."

3. Il-paragrafu li ġej għandu jkun miżjud ma' l-Artikolu 15:

"Id-disposizzjoni li hemm fl-Artikolu 8(5) tgħodd, fuq talba tal-partijiet interessati, għall-karti ta' l-identità li nħarġu skond ir-Regolament (KEE) Nru 1307/77."

Artikolu 2

It-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2962/78 għandu jitħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-13 t'Awissu 1979.

Għall-Kummissjoni
Finn GUNDELACH
Viċi-President